MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 783/1990/1

**Joseph Brownrigg bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J. Brownrigg Installations Company Limited**

**Vs**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici hi kreditrici tal-konvenut fl-ammont komplessiv ta’ Lm16,061.l9 bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta’ materjal fornit u *mechanical and engineering works* esegwiti mill-istess socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut f’Carolina Hotel, Winter Street,

Bugibba, kif jirrizulta konfermat mid-Dokument “Y” anness ma’ l-att tac-citazzjoni;

Premess illi sallum il-konvenut naqas milli jhallas lis-socjeta` attrici tali ammont ta’ Lm16,061.19 dana nonostante diversi talbiet ghal hlas lilu maghmula, inkluza ittra ufficjali datata 2 ta’ Gunju 1989;

Premess illi l-imsemmi ammont hu dejn likwidu, cert u dovut u l-attur *nomine* ikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Dok “X’);

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sittax-il elf wiehed u sittin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lml6,061.19), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta’ materjal fornit u *mechanical and engineering works* esegwiti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut f’Carolina Hotel, Winter Street, Bugibba;

2. Tiddeciedi din il-kawza skond it-talba tal-attur *nomine* bid-dispensa tat-trattazzjoni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Gunju, 1989, oltre l-imghax legali mill-istess data sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut;

Rat l-affidavit ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Lulju 1990 li permezz tieghu l-Qorti ordnat li l-kawza tinstema fil-kors ordinarju taghha, u wara li appuntat il-kawza ghas-smigh, awtorizzat lill-konvenut jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi, preliminarjament, it-tieni talba ta’ l-attur *nomine* ghandha tigi respinta u l-kawza tiehu l-kors normali taghha, stante illi l-affidavit ta’ l-istess attur *nomine* ma fihx ir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, fil-meritu, ghalkemm l-eccipjent jaqbel illi hemm kreditu favur is-socjeta` attrici ma jaqbilx ma’ l-ammont pretiz;

3. Illi, inoltre, l-attur *nomine* ma attwax l-obbligazzjonijiet tieghu kif pattwiti peress illi ma lestiex ix-xoghol fi zmien miftiehem, u ghalhekk l-eccipjent ma huwiex marbut ihallas il-pagamenti fiz-zmien miftiehem;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, parti mix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk jew m’ghandux isir hlas ghalih jew inkella irid isir hlas ridott;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Jannar 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku Raymond Spiteri biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tal-25 ta’ Gunju 1993 li bih issostitwit ghall-imsemmi Raymond Spiteri lill-Raymond Zammit bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta’ espert nominat Raymond Zammit li tinsab a fol. 51 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru 1993;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) tat-30 ta’ Dicembru 1994 moghtija wara li gie interpost rikors t’appell mill-konvenut kontra d-digriet moghti fil-21 ta’ Marzu 1994 rigward is-sostituzzjoni tal-perit tekniku; liema decizjoni rrevokat l-imsemmi digriet, ordnat li r-rapport peritali jibqa’ fl-atti tal-kawza b’dan pero` li jigu nominati periti addizzjonali;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta’ Frar 1995 li permezz tieghu gew nominati bhala periti addizzjonali Jonathan Bonett, Anthony Cachia u Raymond Vassallo bis-soliti fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali li giet minnhom debitament ikkonfermata fis-17 ta’ Jannar 1997;

Rat ir-risposti tal-periti addizzjonali li huma kienu ghamlu in risposta ghad-domandi li sarulhom mill-konvenut;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet finali tal-konvenut Mario Spiteri pprezentata fit-8 ta’ Frar 1999;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Ma jkunx inopportun jekk anke f'dan il-kaz jigu ribaditi certi principji, ormai saldament affermati, in materja ta' appalti;

I. Min jintraprendi xoghlijiet ghandu jassikura l-ewwel nett l-adempjenza tal-ftehim pattwit u fuq kollox li jippresta opra soddisfacenti. Dan fis-sens li ghandu b'obbligu jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. (**Vol. XLII P II p 1003**);

II. Skond ir-regoli generali ta' l-inadempiment l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghal finijiet tal-hlas izda

b'daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabilita` jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. (**Vol. XLI P I p 667**);

III. Rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita`, l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas - "**Carmelo sive Charles Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975;

IV. Dan jiddependi minn natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita` l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*"exceptio non rite adempleti contractus"* ghad-domanda li ssirlu ghal hlas ("**Francis Spiteri *nomine* -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975). Jekk minn naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (**Vol. XXX P II p 433**) jew jaccetta riduzzjoni ("**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele *et***", Prim' Awla Qorti Civili, 9 ta' April 1968; "**John Bonnici *nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994; "**Victor Tabone -vs- Felix Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994);

Ghar-rigward ta' provi f'din l-istanza nsibu li s-socjeta` attrici giet kommissjonata mill-konvenut tezegwixxi xoghlijiet ta' inginerija fil-lukanda "Carolina", Winter Street, Bugibba. Dan skond disinn (fol. 97) preparat mill-Consultant Engineers Camilleri & Cuschieri u skond l-i*specifications* (fol. 78) u s-Schedule of Quantities (fol. 98) pattwiti bejn il-partijiet;

Il-konvenut oppona t-talba ghal hlas bl-eccezzjonijiet principali illi l-appalt ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha, li certi xoghlijiet ma gewx kompletati u konsegwentement ma kienx jaqbel ma' l-ammont reklamat;

F'cirkostanzi bhal dawn kien naturali li jigu nominati esperti biex jiddeterminaw il-korrettezza o meno tal-posizzjoni assunta mill-konvenut bl-opposizzjoni tieghu ghal hlas;

L-ewwel perit gudizzjarju ghamel dawn il-kostatazzjonijiet:-

I. Hsara fil-*lagging* ta' l-*air conditioning pipe work* installat fuq barra u nkompletar ta' l-*insulation* u *weather proofing* (para. 5.7 ta' l-i*specifications*);

II. Gie imbaghad minnu addottat l-istess ragjonament li nduca lill-Inginjier inkarigat mill-konvenut jaghmel ir-riduzzjoni stabbilita f'Dok. C8 (fol. 115) u l-istima mahsuba ghall-ikkompletar fl-istess xoghol li ma sarx mis-socjeta` attrici (Dok. C9, fol. 116);

Fir-relazzjoni taghhom il-periti addizzjonali kienu aktar minuzzjuzi ghal dak li hu dettal fl-ezami tas-singoli ilmenti mressqa mill-konvenut;

Kwantu ghall-ilment ghar-ritard fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet huma iddeterminaw li dan ma kienx dovut ghal xi kolpa tas-socjeta` attrici izda pjuttost ghall-motivi segwenti:-

i. dewmien fil-provvizjon ta' certi partijiet ta' impjant bhal "boilers" u "calorifiers" li kellhom jigu suppliti mill-konvenut;

ii. il-htiega ta' modifikazzjoni strutturali fil-*plant room*;

iii. issuktar ta' xoghlijiet strutturali ohra waqt li l-attur *nomine* kien ghaddej bix-xoghlijiet tieghu;

iv. waqfien bi ftehim biex jigi evitat inkonvenjent lir-residenti alloggjati fil-lukanda;

Dwar l-allegat ilment ta' ezekuzzjoni hazina tax-xoghlijiet l-istess periti gudizzjarji ghamlu dawn il-kostatazzjonijiet ta' rilevanza:

(a) Is-sistema ta' *weather proofing* uzata mis-socjeta` attrici - kanvas mizbugh biz-zebgha tal-qatran flok *polyisobutylene* - hi accettata. Irrizultalhom pero` li kien hemm nuqqas evidenti ta' manutenzjoni u kien ghal din ir-raguni li l-*insultation* fuq barra kienet spiccat fi stat hazin. Irravvizaw ukoll li f'certi postijiet ma kienx hemm *lagging*;

(b) Dwar il-pajpijiet u l-*insultation* tas-*central heating/air conditioning* rrizultalhom li din is-sistema ma kellhiex *weather proofing* kif specifikat;

(c) Huma stabbilew ukoll illi kien hemm "*leak*" ta' ilma fi kmamar 509 u 510. B'danakollu huma ma kienux in grad jistabilixxu r-raguni ghal dan peress ili l-pajpijiet huma mirduma. Minhabba dan kien difficli ghalihom jistabilixxu tortijiet qabel ma ssir il-verifika tal-fonti tad-difett;

(d) Meta ikkwantifikaw in-nuqqasijiet riskontrati huma stabbilew illi l-*insultation* nieqsa bazata fuq ir-rati tas-Schedule of Quantities kienet tammonta ghal Lm72.60 mentri dik dwar il-*weather proofing* ghal Lm237.33,0. Kwantu ghal "*leaks*" huma ikkwotaw stima ta' Lm500;

Ghad-domandi posti lilhom in eskussjoni fl-1997 (fol. 286) huma aggornaw dawn il-figuri biex jittiehed qies tar-rati korrenti biex isiru x-xoghlijiet mehtiega. B'hekk huma awmentaw ir-rati stabbiliti fir-relazzjoni peritali taghhom ghal Lm290 fil-kaz ta’ l-*insulation*, u ghal Lm690 fir-rigward tal-*weather proofing*;

Importanti li jigi rilevat illi l-istess periti teknici addizzjonali ma naqsux milli jirrimarkaw illi kieku saret il-manutenzjoni preventiva necessarja ma kienx ikun hemm it-tip ta' hsara minnhom riskontrat snin wara l-installazzjoni. Dan hu fattur importanti in kwantu juri li kien hemm certu element ta' htija fil-konvenut li tindika li ma hax mizuri adegwati u *a tempo* biex ihares, kif mistenni, hwejgu stess. Ara fir-rigward decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri -vs- Joseph Fenech *nomine***", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1992. Tali nuqqas huwa importanti li jinzamm in mira

wkoll ghal finijiet tar-riduzzjoni kontemplata fir-rigward ta' l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici;

Il-Qorti wara li ezaminat ir-rizultanti peritali u applikati ghal kaz l-insenjamenti gurisprudenzjali fuq accennati ssib illi:-

(A) in-nuqqasijiet attribwiti lill-attur *nomine* ma jistghux fil-paragun ta' l-entita` tax-xoghlijiet, jitqiesu verament sostanzjali;

(B) il-konvenut kien ukoll fi htija meta ma pprovdiex ghal manutenzjoni adegwata ta' l-impjant jew ta' l-accessorji tieghu;

(C) ma kienx hemm l-ebda raguni impellanti biex il-konvenut ma jhallasx il-parti l-kbira ta' l-ammont minnu dovut. In vista ta' dan mhix accettata l-veduta tal-konvenut asserita minnu fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet (fol. 251) illi ma ghandhomx ikunu dovuti nteressi;

(D) dan, *multo magis*, imbaghad meta kollox ma' kollox ir-responsabilita` riskontrata ma kienetx korrelatata ma' xoghol hazin jew mhux skond l-arti u s-sengha izda pjuttost ghall-inkompletar ta' certi xoghlijiet minuri;

Tenut rigward tat-trapass taz-zmien minn meta l-periti gudizzjarji stabbilew ir-rati minnhom adoperati fl-1997 ghall-ikkompletar tax-xoghlijiet ta' *insultation* u *weather proofing* u tenut wkoll in mira l-fatt tan-nuqqas ta' manutenzjoni, din il-Qorti jidhrilha li *ex aequo et bono*, u rigwardati l-figuri stabbiliti mill-periti gudizzjarji addizzjonali, l-ammont reklamat ghandu jigi ridott bis-somma komplessiva ta' elf u tliet mitt lira (Lm1300) biex isservi u taghmel tajjeb ghall-ikkompletar tax-xoghlijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* ghall-appalt ta' xoghol ta' inginerija minnu ezegwit fil-lukanda "Carolina", Winter Street,

Bugibba fuq inkariku ta' l-istess konvenut fis-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u hamsa u sittin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm14,765.19,0) bl-interessi fuq din is-somma mit-2 ta' Gunju 1989, data ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwinta parti (1/5) mill-attur *nomine* u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------